MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF ABIGAIL LOFARO

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2012

Citazzjoni Numru. 265/2004

**Albert Sammut**

**vs**

**Noel Mizzi**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni ippresentata mill-attur fil-16 ta' April, 2004, li *in forza* taghha, wara li ppremetta :

Illi f'incident li sehh fil-21 ta' April 2002, l-attur sofra danni fuq il-persuna tieghu b'segwitu ta' incident li fih il-konvenut hebb ghall-attur b'arma bil-ponta, u b'konsegwenza tal-istess incident l-attur sofra debilita' permanenti li giet stabbilita mill-espert ortopediku Mr. Carmel Sciberras; u

Illi ghall-istess incident u danni konsegwenzjali huwa unikament responsabbli il-konvenut, u dan kif ser jirrizulta ampjament waqt it-trattazzjoni tal-kawza; u

Illi per konsegwenza ta’ dan l-incident, l-attur soffra danni konsistenti f’damnum emergens u lucrum cessans.

Illi ghalkemm interpellat sabiex jersaq ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni sofferti mill-attur il-konvenut baqa inadempjenti;

Talab ghalhekk li l-konvenut ighid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

(1) Tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident li sehh fil-21 ta’ April 2002, f’liema incident l-attur sofra danni fuq il-persuna tieghu;
(2) Tillikwida d-danni sofferti mill-attur b’konsegwenza tal-imsemmi incident, okkorrendo bl-opera ta’ Periti nominandi;
(3) Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur dik is-somma li tigi hekk likwidata minn din l-Onorabbli Qorti;

Bl-izpejjez, inkluz tal-ittra ufficjali datata 7 ta’ Jannar 2004 u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata u il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Noel Mizzi, *in forza* taghha huwa eccepixxa:

1. Illi l-eccipjenti ma ghandu jgorr ebda responsabbilita ghall-konsegwenzi tal-incident mertu tal-kawza odjerna peress illi l-agir tal-eccipjenti kien fil-limitu tal-ezercizzju ta’ dritt spettanti lilu li jiddefendi l-persuna tieghu;
2. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-incident de quo sehh b’responsabilita unika tal-attur.
3. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-attur ma soffra ebda danni kif minnu reklamat;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri kif permessi mil-Ligi.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata u il-lista tax-xhieda tal-konvenut Noel Mizzi;

Rat id-digriet taghha tat-2 ta’ Frar 2006 li permezz tieghu hatret lill-kirurgu Charles Grixti bhala espert mediku sabiex jezamina lill-attur u jirrelata dwar id-debilita’ permanenti li seta’ sofra l-attur bhala konsegwenza tal-incident in kwistjoni, bis-solitio fakoltajiet inkluz illi jisma’ xhieda bil-gurament;

Rat ir-rapport tal-Kirurgu Mr Charles Grixti, minnu mahluf waqt is-seduta tal-15 ta’ Mejju 2006.

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat il-provi li gew prodotti, id-dokumenti esebiti u l-atti ta’dan il-procediment;

Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi l-esperti mediku Charles Grixti wasal ghal din il-konkluzjoni fir-rapport tieghu :

“Sammut sofra griehi f’forma ta’ ticrit fid-driegh tal-lemin, fuq sidru kif ukoll f’zaqqu meta kien involut fi glieda fil-21 ta’ April, 2002. Il-gerha l-aktar gravi kienet dik tad-driegh tal-lemin fejn iccarrat kompletament in-nerv radjali. Ghalkemm dan kien mehjut u hafna minnu rega iggenera baqa nuqqas ta’ sahha meta Sammut jipprova jistira jew jestendi s-seba l-kbir bhal meta tiftah idejk. Jibqa ukoll il-fatt li hemm nuqqas ta’ hass fuq in-naha ta’ wara ta’ l-istess id u vicin tas-seba l-kbir, u sensazzjonijiet ta’ xokkijiet meta jolqot id-driegh tal-lemin.

La darba ilu aktar minn tlett snin m'ghandux ikun hemm tibdil mill-istampa prezenti jigifieri n-nerv radiali ma jistax jirkupra aktar milli rkupra s'issa. Ghalhekk jiena nhoss illi dawn id-dizabililtajiet imsemmija huma permanenti u jirrizutaw direttament mill-accident in kwistjoni.

Jiena nistma d-dizabilita permanenti ta' 5% (hamsa fil-mija)."

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti ghandha quddiemha kawza ghal dikjarazzjoni ta' responsabbilita ghall-incident li sehh fil-21 ta' April 2002 f'liema incident l-attur sofra danni fuq il-persuna tieghu u talba konsegwenzjali sabiex tillikwida d-danni sofferti mill-attur b'konsegwenza tal-imsemmi incident u it-tielet talba hija fis-sens illi il-konvenut jigi ikkundannat ihallas lill-attur dik is-somma li tigi hekk likwidata mill-Qorti.

Ikkunsidrat :

Illi l-attur xehed illi fil-21 ta April 2002 huwa kien l-istabbiliment Footloose Paceville fejn inqala argument mal-konvenut, gew fl-idejn u wara, fuq il-persuna tieghu kellu diversi daqqiet ta' sikkina. L-attur qal illi huwa kien jafu lill-konvenut. Fi zmien illi inqala l-incident kien johrog mal-ex tfajla tal-konvenut u xi gimghtejn qabel, l-ex tfajla tal-konvenut kienet tghidlu li l-konvenut kien lest ghalih biex ifittxu u dakinhar stess, waqt li kienu qeghdin il-Footloose, l-attur u t-tfajla tieghu, l-attur kien baghat messagg lill-konvenut u kien qallu "jekk trid tghid xi haga ejja naqtghuha" u infatti il-konvenut hekk ghamel, nizel il-Footloose, kellhom xi jghidu gewwa, keccewhom 'il barra u skond l-attur il-konvenut baqa jistennih barra u il-konvenut kien qieghed armat jistennih barra. L-attur xehed illi gew f'idejn, ghamlu ftit hin jiggieldu, il-konvenut qam u harab jigri, hu kien sejjer 'l hemm ukoll, izda kien hemm habib tieghu illi gibdu minn idejh u qallu li kellu id-demm u irrizulta illi kellu ferita f'idejh, ferita f'sidru u ferita f'zaqqu. L-attur xehed illi dak il-hin ma hass xejn, izda l-ugigh hassu wara. Huwa xehed illi l-feriti gew ikkagunati minn arma li kellu il-konvenut. L-attur kompla jixhed li

haduh l-isptar, operawh dakinhar stess u ghamel gimgha l-isptar rikoverat. Huwa xehed illi huwa ha ukoll proceduri kriminali fil-konfront tal-konvenut, li ghadda guri u wehel xi erba' snin habs. L-attur kompla jixhed li l-aghar effett illi ghandu hija f'idejh il-leminija peress li kien qatalu in-nervituri u ghadu sallum ma jistax jaghmel certu movimenti. L-attur qal illi xogholu kien fl-ufficju u fl-istess hin isuq il-mini buses u il-coaches. Baqa jaghmel l-istess xoghol, pero' ma jistax jaghmel l-istess affarijiet li kien jaghmel qabel, per ezempju jekk fuq bicca xoghol kien jiehu siegha illum idum siegha u nofs peress li idejh tghejja.

Illi xehed Anton Muscat, il-manager tal-Koptaco Coaches fejn jahdem l-attur u qal illi l-attur ghadu jahdem maghhom. Huwa esebixxa vera kopja tal-FS 3 tal-attur ghas-sena 2005, 2004, 2003 u 2002. Mistoqsi dwar l-incident, ix-xhud ikkonferma illi l-attur ghamel xi zmien ma jistax jahdem u kien hemm xi zmien meta ma thallasx. Kellu xi tmienja u tletin gimgha illi fihom ma thallasx, il-paga bazi tieghu dak iz-zmien kienet ta' sebghin lira (LM70) fil-gimgha ghal tmienja u tletin gimgha illi iwasslu ghas-somma ta' elfejn sitt mija u sittin lira Maltin (LM2,660), ekwivalenti ghal sitt elef mija u sitta u disghin ewro u tlettax il-centezmu (€6,196.13). Ix-xhud kompla jghid illi l-attur ma hadem xejn fis-sena 2003, kif ukoll ma hadimx ghal xi zmien fis-sena 2004. Ix-xhud qal illi l-attur tilef erba' gimghat paga mis-sena 2004, peress illi huwa dahal ghax-xoghol fl-1 ta' Frar 2004.
Illi l-Qorti rat ix-xiehda illi ta Christopher Delia quddiem il-Qorti Kriminali fil-kawza fl-ismijiet ir-Republika ta' Malta kontra Noel Mizzi. Noel Mizzi huwa il-konvenut odjern. Christopher Desira xehed illi fil-21 ta' April 2002 kien Footloose Paceville, kienu qeghdin jiehu drink u wara certu hin dahal Noel u mieghu kien hemm Rachel, Bertu u Darren li kienu qeghdin mal-bar. Ix-xhud qal illi kollha kemm huma kienu daharhom 'il barra lejn il-bar. F'hin minnhom inqala qisu panic u meta dar ra lil Noel li dahal ghal fuq Bertu. Huwa rahom imqabbdin f'xulxin, imma ma tantx damu ghaliex is-security qabdu lil Noel u keccewh 'il barra. Ix-xhud qal illi dakinhar Rachel kienet qeghda titkellem ma Albert. Wara li is-security hargu lil Noel 'il

barra, Bertu baqa fl-istabbiliment. Umbaghad baqghu jiehdu drink hemm gew u xi hames jew ghaxar minuri wara, Noel baqa` barra fit-triq ghaliex rah u hareg ikellmu. Mar jistaqsih x'kien gara u qallu biex jitlaq, izda Noel qallu li mhux ser imur. Qallu "hawn hekk ser nibqa` il-lejla, qabel ma inpattihielu ma noqghodx kwiet" u baqa hemm hekk. Umbaghad ix-xhud rega` dahal fl-istabbiliment. Ix-xhud qal illi baqa` ikellem lil Noel madwar ghoxrin minuta umbaghad rega dahal il-Footloose. Umbaghad ghadda ftit ta' hin iehor madwar nofsiegha jew tlett kwarti u huwa mar sat-toilet u kif irritorna il-bar ma sabx lil ohrajn hemm hekk peress li kienu hargu barra. Hareg barra hu wkoll u rahom faccata tal-Footloose. Mar hdejhom u kien hemm Darren li beda jghajjatlu. Qallu "ejja 'l hawn, ejja 'l hawn." Mar jigri u sab lil Bertu bid-demm hiereg minn idejh u minn zaqqu. Ix-xhud qal illi staqsa lil Bertu x'kien gara u dan qallu li kien qala daqqtejn ta' mus u kellu zaqqu kollha demm. Huma qabduh u peress li kien hiereg hafna demm ma stennewx l-ambulanza u haduh bil-van taghhom l-isptar.
Illi x-xhud in kontro-ezami ikkonferma illi huwa habib ta' Albert, l-attur f'din il-kawza u illi jaf illi l-attur kellu xi jghid mal-konvenut fuq xoghol u illi l-attur kien wehel xi multa. Ix-xhud in kontro-ezami qal illi ra lill-attur jibghat messagg bil-mobile, izda xehed illi ma jafx lil min baghatu dan il-messagg.
Illi giet esebita wkoll f'dawn l-atti ix-xiehda li ta Darren Ellul fil-guri Repubblika ta' Malta kontra Noel Mizzi. Darren Ellul xehed illi fil-21 ta' April 2002 kien Footloose, kien mal-attur qieghed jixrob u f'daqqa wahda inqalghet konfuzjoni bejn l-attur u il-konvenut. Ix-xhud qal illi meta dahal Noel mal-ewwel inqalghet il-konfuzjoni. Huma ferquhom u il-bodyguards tefghu lill-konvenut 'il barra u beda idoqqlu il-mobile. Ix-xhud qal illi ra lill-attur u lill-konvenut jerfghu idejhom 'il fuq u gibduhom mill-ewwel 'il barra. Ix-xhud wara li inqratlu ix-xiehda li kien ta quddiem il-Qorti tal-Magistrati, ammetta illi ra lill-konvenut jimbotta lill-attur mal-bar. Ix-xhud qal illi kien il-konvenut illi beda. Il-bodyguards hargu lill-konvenut mill-ewwel 'il barra u l-attur baqa mieghu u mal-hbieb l-ohrajn, inkluz Rachel fil-bar. Wara xi hin forsi hames minuti beda idoqq il-mobile tal-attur. L-attur wiegeb il-mobile u hareg barra u ra lill-

attur u lill-konvenut imorru ghal xulxin. Meta hargu barra, kien l-attur illi mar ghal fuq il-konvenut. Ix-xhud qal illi umbaghad l-attur u il-konvenut bdew jiggieldu u l-attur kellu id-demm ma jdejh. Huwa ra lill-attur u lill-konvenut fl-art jidgerbu, wiehed taht l-iehor. Il-konvenut kien taht u l-attur kien fuqu. Ix-xhud qal illi l-attur kien qallu illi jahseb illi l-konvenut kien nigzu b'xi haga. Ix-xhud qal illi l-attur ma kellu xejn f'idejh. Kif l-attur tbaxxa fuq il-konvenut, huwa gibdu u l-attur qallu li qeghda tugaw idejh. Ix-xhud ikkonferma illi Albert hareg mill-Footloose peress illi kien daqqlu il-mobile u kien il-konvenut illi kien cempillu.

Illi xehdet ukoll Rachel Mizzi u qalet illi hija kienet tohrog mal-konvenut u illi lill-attur kienet tafu b'xoghol peress illi kemm l-attur kif ukoll il-konvenut kienu jahdmu bil-minibus u hi kienet tahdem il-BF u kienet tuza it-transport ta' Zarb, imma Zarb kien ikollu sub-contractors u hi kienet tirkeb fl-istess van tal-konvenut. Hija kienet taf illi l-attur u il-konvenut kienu jafu lil xulxin b'xoghol ghaliex kienu jaghmlu l-istess xoghol u kien hemm zmien li kienu hbieb ukoll. Ix-xhud qalet illi darba minnhom l-attur u il-konvenut kienu iggieldu fuq xoghol, umbaghad ma tantx baqghu hbieb. Dwar l-incident in kwistjoni, ix-xhud qalet illi hija kienet qeghda mal-attur u ma shabu u hija kienet ma habiba taghha il-Footloose. Ix-xhud qalet illi darba minnhom l-attur kien baghat messagg bir-radio lill-konvenut, bir-radio tal-minivan, u allura qalet lill-attur dakinhar biex ma joqghodx jibghat messaggi lill-konvenut u ihallih bi kwietu u kif qalet dan id-diskors lill-attur, l-attur baghat messagg lill-konvenut u qallu "jekk inti ragel itla Footloose ha indahku." Ix-xhud qalet illi meta l-attur baghat dak il-messagg lill-konvenut hija harget barra ghaliex basret li l-konvenut kien ser jigi u wara ftit rat lil Noel diehel u imiss dahar l-attur biex jigbidlu l-attenzjoni. Umbaghad qalet li ma rat xejn, izda taf li hargu barra, u minn hemm hekk ma tafx x'gara. Ix-xhud qalet illi qabel ma hargu barra, rat lill-attur jaghti daqqa ta' ponn lill-konvenut. Umbaghad il-bouncers tefghuhom 'il barra kollha. Sussegwentement ix-xhud biddlet il-verzjoni u qalet illi il-bouncers hargu barra lill-konvenut biss u mhux lill-attur.

Illi xehed ukoll il-konvenut dwar l-incident illi kien inqala dakinhar in kwistjoni barra il-Footloose Bar f'Paceville.

Huwa ikkonferma illi kien jaf lill-attur fuq xoghol u li kellhom argument fuq xoghol. Il-konvenut xehed illi l-attur kien hareg mat-tfajla tieghu illi illum hija martu u dakinhar tal-incident l-attur kien il-Footloose u baghatlu messagg oxxen u qallu biex jigi l-Footloose “ha nahdmuk, jew ha inqacctuk” u hu ma felahx jissapporti u tela Paceville. Il-konvenut xehed illi huwa kien bi hsiebu jghidlu biex ihallih bi kwietu, izda l-attur dar fuqu, qallu “gejt?” u tah daqqa ta’ ponn. Gew fuqu il-bouncers u tefghuh ‘il barra, umbaghad bdew icemplu lil xulxin. Hareg l-attur u f’idejh kellu flixkun u hebb ghalih bil-flixkun. Il-konvenut xehed illi lilu tefghuh ‘il barra u l-attur baqa fil-bar ma shabu. F’mument minnhom cemplu lil xulxin, l-attur hareg u gie ghal fuqu u hu rah bil-flixkun f’idejh u hu kellu mus u flok li tah hu, jigifieri l-attur, hu jigifieri il-konvenut, tah bil-mus li hargu minn gol-but. Il-konvenut xehed illi huwa ma kienx mar bl-intenzjoni tal-glied, kien l-attur illi tah daqqa ta’ ponn gewwa il-bar u barra il-bar huwa tah bil-mus peress illi l-attur gie ghalih bil-flixkun b’idejh. Wara li tah bil-mus, harab u telaq jigri ‘l hemm.

Ikkunsidrat :

Illi l-attur qieghed jippretendi li jithallas minghand il-konvenut l-ammont ta’ sitt elef mija u sitta u disghin ewro u tlettax il-centezmu (€6,196.13) talli ghamel tmienja u tletin gimgha minghajr hlas tort ta’ daqqiet ta’ mus illi qala minghand il-konvenut. L-attur jghid ukoll illi fis-sena 2003 ma hadem xejn u ghalhekk ghandu jigbor is-somma ta’ tmien telef erbgha mija disgha u sebghin ewro u tnax-il centezmu (€8,479.12) minghand il-konvenut u fis-sena 2004 tilef erba’ gimghat xoghol u ghandu ghalhekk jigbor is-somma minghand il-konvenut ta’ sitt mija tnejn u hamsin ewro u erbghin centezmu (€652.40).

Illi l-konvenut esebixxa sentenza tal-Qorti Kriminali u sentenza ohra tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Ir-Repubblika ta’ Malta kontra Noel Mizzi. Il-Qorti rat anke il-Qorti tal-Appell Kriminali ma biddlet xejn mis-sentenza tal-Qorti Kriminali u kienet tal-ferma konvinzjoni li l-unika verdett gust li setghu jaghtu il-gurati kien proprju illi il-konvenut kien hati li ikkaguna offiza ta’ natura gravi u ohra ta’ natura gravissima fuq il-persuna tal-attur, b’dan illi ir-reat kien skuzabbli ghaliex il-konvenut agixxa taht l-influenza immedjata ta’ passjoni istantaneja jew

agitazzjoni tal-mohh li minhabba fih filwaqt tad-delitt, ma setax iqis l-eghmil tieghu u il-Qorti tal-Appell Kriminali ma biddlet xejn mill-piena illi tat il-Qorti Kriminali u cioe' dik ta' erba' snin prigunerija.
Ikkunsidrat :
Illi l-Qorti tara illi ma hemm l-ebda dubju illi l-konvenut huwa responsabbli ghad-disabbilita permanenti illi minnha qieghed isofri l-attur.

Illi l-Artikolu 3 tal-Kodici Kriminali jghid :

"Gialadarba jirrizulta sodisfaeentement illi l-azzjoni tal-konvenut ma kenitx wahda legittima, jigi illi huwa civilment responsabbli ghal kwalunkwe hsara kkagunata permezz tal-agir tieghu, u dan a bazi tal-principju illi kull azzjoni kriminali taghti lok ukoll ghall-azzjoni civili ghad-danni"

Illi fil-Ligi taghna il-likwidazzjoni tad-danni hija regolata bl-Artikolu 1045 tal-Kodici Civili.

Illi kif inhi gurisprudenza kostanti ma hemmx regoli fissi u inflessibbli meta il-Qorti tigi biex tikkwantifika id-danni ghaliex kollox jiddependi mic-cirkostanzi partikolari tal-kaz.

Illi fl-ezereizzju ta' din id-diskrezzjoni taghha, il-Qorti qabel ma tasal biex tiffissa l-ammont, thares lejn ic-cirkostanzi, tara il-multiplier illi ser jigi applikat u tezamina ic-cirkostanzi kollha tal-kaz sabiex ikun hemm certu flessibbilita ta' kriterju li jkun addatabbli ghall-partikolaritajiet tal-kaz in ezami.

Illi fil-Ligi taghna il-likwidazzjoni tad-danni tinqasam f'zewg aspetti : id-danni attwali (damnum emergens) u t- telf ta' qliegh futur (lucrum cessans).

Illi fir-rigward tad-damnum emergens, dawn huma id-danni attwali u effettivi sofferti mid-danneggjat.

Illi fil-kaz de quo l-ispejjez inkorsi mill-attur a fini ta' damnum emergens jikkwantifikaw biss fis-segwenti :

Fis-sena 2002 huwa ma thallasx ta’ 38 gimgha xoghol li jammontaw ghas-somma ta’ sitt elef mija u sitta u disghin ewro u tlettax il-centezmu (€6,196.13)

Fis-sena 2003 ma hadem xejn u ghalhekk baghta danni fl-ammont ta’  tmien telef erbgha mija disgha u sebghin ewro u tnax-il centezmu (€8,479.12).

Fis-sena 2004 tilef erba gimghat xoghol li jammontaw ghal sitt mija tnejn u hamsin ewro u erbghin centezmu (€652.40) u ghalhekk it-total tad-damnum emergens sofferti mill-attur huwa ta’ hmistax il-elf tlett mija sebgha u ghoxrin ewro u hamsa u sittin centezmu (€15,327.65).

Illi fir-rigward tal- Lucrum Cessans hafna id-drabi il-Qrati taghna segwew il-principji enuncjati fil-kawza Butler vs Heard.  Izda f’sentenzi ohrajn il-Qrati taghna iddecidew illi jindagaw ir-rapport tal-kawzali bejn il-kondotta u l-event dannuz, sabiex tigi stabbilita illi l-kawza prossima ta’ l-incident kienet il-manuvra inkonsulta u inaspettata tal-konvenut.

Illi l-aspett generiku ta’ htija dezinjat fid-disposizzjonijiet relattivi fil-Kodici Civili jakkordaw riflessjoni fuq din il-materja fl-elementi kollha taghha; kompriz ukoll l-kwestjoni tal-kontributorjeta.

Illi in subjecta materia, il-principju konfermament akkolt mill- Qrati taghna hu fis-sens illi il-kwistjoni jekk kienx hemm “contributory negligence” miz-zewg nahat ma tistax tigi deciza fuq supposti principji aprijoristici jew fuq regoli fissi legali, izda skond principji tas-sens komun. (Vide sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Civili fil-kawza fl-ismijiet Cristino Zahra vs Raymond Ashley tal-24 ta’ Gunju 1960.)

Illi minghajr dubbju, id-danni akwiljani jikkostitwixxu lezjoni ta’ qaghda guridika soggettiva u li l-Kodici Civili taghna jirrikonoxxi bhala meritevoli ta’ tutela.

Illi ghal dak li hi hsara fuq il-persuna d-determinazzjoni tal-kwantum tar-rizarciment hi ispirata mill-Artikolu 1045 tal-Kodici Civili fejn jinsab konfigurat il-pregudizzju rizarcibbli f’termini ta’ damnum emergens u lucrum cessans.

Illi ghalhekk sabiex tiddetermina il-lucrum cessans, il-Qorti trid tara x’kien il-percentagg ta’ dizabbilita illi minnu qieghed ibaghti l-attur. Il-Qorti rat illi l-espert mediku is-Sur Charles Grixti ikkonkluda fir-rapport tieghu illi l-attur qieghed isofri minn dizabilita ta’ hamsa fil-mija (5%). Il-konvenut bl-ebda mod ma ikkontesta dan il-percentagg, ma ghamel l-ebda domandi in eskussjoni lill-perit mediku u lanqas ma talab ghall-hatra ta’ periti medici addizzjonali u ghalhekk il-Qorti qeghda tikkondividi il-konkluzjoni li ghaliha wasal l-espert mediku minnha innominat, taddotta ir-rapport tieghu u taghmlu bhala taghha.

Illi fir-rigward tal-multiplier, il-Qorti rat illi l-Qrati taghna illum il-gurnata jaccettaw illi l-kriterju ta’ kif wiehed iqis il-multiplier huwa wiehed li jaghti diskrezzjoni lill-gudikant, illi irid jqis u jizen ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u jaghti kumpens b’gustizzja u mhux b’xi formulazzjoni empirika matematika.

Illi fis-sentenza deciza mill-Qorti tal-Kummerc fil-kawza fl-ismijiet Lambert vs Buttigieg fit-18 ta’ April, 1963 il-Qorti kienet qalet hekk :

"f'din il-materja ta' lucrum cessans il-Qorti ghandha tipprocedi b'kawtela kbira peress li l-qliegh hu haga ta' possibilta u mhux ta' certezza u jkun jista' jonqos minn mument ghall-iehor anke ghal kwalunkwe kawza materjali bhal mewt jew mard tad-danneggjat."

Illi fir-rigward ta’ telf ta’ qligh illi l-attur jista ibaghti ‘il quddiem minhabba l-inkapacita tieghu, is-subartikolu 2 tal-Artikolu 1045 tal-Kap 16 jghid illi :

Is-somma li ghandha tigi moghtija ghal din l-inkapacita` tigi stabbilita mill-Qorti, wara li tqis ic-cirkostanzi tal-kaz, u, b’mod partikolari, ix-xorta u l-grad ta’ inkapacita u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-hsara.

Illi l-Qrati taghna mhux dejjem hadu l-istess linja ta' multiplier izda ripetutament dejjem gie enfasizzat li s-sistema ta' multiplier kif koncepita ma tiehux in konsiderazzjoni l-aspettattiva tal-hajja lavorattiva fit-totalita taghha.

Illi fil-kaz odjern il-Qorti ser timxi skond il-kriterju illi gie addottat mill-Qorti fis-sentenza taghha tas-26 ta' Lulju 1991 fil-kawza fl-ismijiet Bugeja vs Agius deciza mill-Qorti tal-Appell Superjuri u peress illi l-attur fiz-zmien illi sofra id-dizabilita kellu 28 sena ser taddotta multiplier ta' hamsa u ghoxrin.

Illi fir-rigward tal-lump sum, l-ammont dovut jkun irid jitnaqqas minhabba il-lump sum payment b'ammont ekwivalenti ghal ghoxrin fil-mija (20%) meta jkunu ghadda zmien qasir mill-event damnuz u s-sentenza finali. Izda il-kuncett ghaliex hemm it-tnaqqis meta is-somma tithallas mal-ewwel mhux dipendenti mill-fatt li kawza tittawwal tort tal-konvenut, izda mill-fatt illi l-vittma ikollha somma kollha f'daqqa mill-ewwel bil-konsegwenza tal-vantaggi ovvji ekonomici.

Illi fil-kaz odjern il-Qorti ser takkorda lump sum deduction fl-ammont ta' tnejn fil-mija (2%) ghal kull sena ta' dewmien.

Illi mis-sena 2004 ghaddew tmien (8) snin u ghalhekk il-lump sum deduction se tkun fl-ammont ta' sittax fil-mija (16%).

Ghaldaqstant il-lucrum cessams qieghed jigi komputat kif gej :

Ammont ta' hlas abbazi ta' paga ta' Lm70 fil-gimgha €163.06 x 52 iwassal ghas-somma ta' tmien telef erbgha mija disgha u sebghin ewro u tnax-il centezmu (€8,479.12).
Multiplier: 25
Dizabilta': 5%

Ghaldaqstant ir-rizarciment tad-danni subiti mill-attur ghal-lezjoni illi sofra ghandha tkunu is-segwenti:

8479.12 x 25 x 5% = €10,598.90

Il-lump sum deduction ser tkun ta' sittax fil-mija li twassal ghas-somma ta' €1,695.82. Ghalhekk l-ammont totali dovut lill-attur bhala lucrum cessams huwa tmient elef disa mija u tlett ewro u tmien centezmi (€8,903.08) u kif diga intqal l-ammont totali dovut lill-attur bhala damnum emergens huwa ta' hmistax il-elf tlett mija sebgha u ghoxrin ewro u hamsa u sittin centezmu (€15,327.65).

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti qeghda taqta u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt illi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa t-talbiet attrici, tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident li sehh fil-21 ta' April 2002, tillikwida id-danni sofferti mill-attur b'konsegwenza tal-imsemmi incident fl-ammont ta' tmient elef disa mija u tlett ewro u tmien centezmi (€8,903.08) fir-rigward ta' lucrum cessams u fl-ammont ta' hmistax il-elf tlett mija sebgha u ghoxrin ewro u hamsa u sittin centezmu (€15,327.65) bhala damnum emergens, u ghalhekk tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma totali ta' erbgha u ghoxrin elf mitejn u tletin ewro u tlieta u sebghin centezmu (€24,230.73) bl-imghax mid-data tallum, u bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------